TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Doreen Bruno

vs

KWL Rental Car Group

CCT 108/25/MS

29 ta' Lulju 2026

It-Tribunal

Ra l-avviż tat-talba ppreżentat mir-rikorrenti fid-9 ta' Lulju 2025, fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-azjenda intimata tħallasha s-somma ta' elf mija u wieħed u tletin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€1,131.78), bħala rifużjoni ta' dak imħallas minnha għall-kiri tal-vettura, kif ukoll kumpens addizzjonali għal ħela ta' ħin, wara li allegat li l-vettura mikrija mingħand l-azjenda intimata kienet difettuża, kif spjegat aħjar fl-istess avviż;

Ra r-risposta tal-azjenda intimata, li ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, kif spjegat aħjar fl-istess risposta;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta li fit-30 ta' Diċembru 2024 r-rikorrenti kriet mingħand l-azjenda intimata l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AQZ 971 għall-prezz ta' €210.00.

Ir-rikorrenti xehdet li oriġinarjament kellha booking ma' Car Wiz, iżda peress li din ma setgħetx tipprovdilha vettura, hija aċċettat li tikri vettura mingħand l-azjenda intimata. Hija sostniet li l-vettura kellha mileage għolja ta' madwar 120,000 kilometru u li kienet qed tiżviluppa problemi bil-clutch, tant li kellha titlob l-assistenza fit-triq. Hija allegat ukoll li ntalbet tħallas €179.00 għat-tiswija u li nżammilha depożitu ta' €250.00, għalkemm sostniet li dan ġie rrifjuż. Talbet ukoll rifużjoni tal-kera kollha li ħallset, kif ukoll kumpens għaż-żmien li qattgħet tikteb 26 email u tipprepara din il-kawża.

Min-naħa tiegħu xehed Warren Tanti, li spjega li r-rikorrenti marret fl-uffiċċju tagħhom fl-Ajruport fit-30 ta' Diċembru 2024 wara li Car Wiz ma setgħetx tonora r-riżervazzjoni tagħha minħabba overbooking. Huwa ċċara li l-azjenda intimata m'għandha ebda rabta kummerċjali ma' Car Wiz, iżda aċċettat li tikri vettura lir-rikorrenti. Huwa spjega li r-rikorrenti ħallset €210.00 għall-kera u li sar biss pre-authorisation ta' €250.00 bħala depożitu.

Kompla jixhed li wara tlett ijiem ir-rikorrenti ċemplet in-numru tal-emerġenza u rrappurtat li kien hemm duħħan ħiereġ mill-vettura u li ma setgħetx tkompli ssuqha. Il-vettura tħalliet il-Furjana u ntbagħtet l-assistenza, li rrappurtat riħa qawwija ta' clutch maħruq ("burnt clutch"). L-għada r-rikorrenti talbet vettura oħra u sostniet li l-vettura kienet difettuża sa mill-ewwel ġurnata. Ix-xhud spjega li ġiet infurmata li setgħet tingħata vettura sostituttiva jekk tħallas €150.00 bħala l-ispiża għat-tibdil tal-clutch, iżda hija rrifjutat tagħmel dan. Huwa ċaħad ukoll li l-azjenda qatt ħadet mingħandha €150.00 jew id-depożitu ta' €250.00, filwaqt li sostna li l-uniku ammont effettivament imħallas kien dak ta' €210.00 għall-kiri.

Dan it-Tribunal eżamina bir-reqqa x-xhieda u l-provi kollha prodotti u jsib li r-rikorrenti naqset milli tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha.

Fl-ewwel lok, it-Tribunal jinnota li x-xhieda tagħha kienet tinkludi diversi inkonsistenzi. Fil-fatt hija qalet li kriet il-vettura fid-29 ta' Diċembru 2024, meta mill-provi jirriżulta b'mod ċar li l-kuntratt tal-kiri ġie konkluż fit-30 ta' Diċembru 2024.

Bl-istess mod, ir-rikorrenti sostniet li l-vettura kellha madwar 120,000 kilometru, iżda naqset milli tipproduċi kwalunkwe prova ta' dan il-fatt. Dan kien element li seta' faċilment jiġi ppruvat permezz ta' ritratt tal-odometru jew mezzi oħra ta' prova, iżda l-ebda evidenza ma ġiet prodotta.

It-Tribunal jinnota wkoll li, minkejja li r-rikorrenti sostniet li l-vettura kienet difettuża sa mill-ewwel ġurnata, hija xorta waħda baqgħet tużaha għal madwar tlett ijiem qabel ma nqalgħet il-problema li wasslet sabiex tieqaf tużaha. Dan il-fatt ma jikkorroborax l-allegazzjoni tagħha li l-vettura kienet difettuza mill-mument tal-kunsinna.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma pproduċiet ebda prova li effettivament ġarrbet it-telf finanzjarju li allegat. Ma ġew ippreżentati ebda estratti bankarji, irċevuti jew dokumenti oħra sabiex juru li hija ġarrbet xi ħsara ekonomika ulterjuri jew li kienet ġiet addebitata bl-ammonti li semmiet.

Fir-rigward tat-talba tagħha għal kumpens għall-ħin li qalet li qattgħet tikteb 26 email u tipprepara l-kawża, it-Tribunal ma jsib ebda bażi legali sabiex tali talba tintlaqa'. Il-fatt li parti tagħżel li tikkorrispondi mal-parti l-oħra jew tieħu l-passi meħtieġa sabiex tressaq il-pretensjonijiet tagħha ma jagħtihiex, waħdu, dritt għal kumpens.

It-Tribunal jinnota wkoll li r-rikorrenti ħallset is-somma ta' €210.00 bħala ħlas għall-kiri tal-vettura għal perjodu ta' ġimgħa. Mill-provi jirriżulta li hija għamlet użu mill-vettura għal tlett ijiem qabel ma nqalgħet il-problema bil-clutch. Għaldaqstant, ir-rikorrenti effettivament gawdiet mill-użu tal-vettura għal parti sostanzjali mill-perjodu tal-kiri.

It-Tribunal iqis ukoll li r-rikorrenti ma pproduċiet ebda prova li turi li l-ħsara fil-clutch kienet teżisti fil-mument tal-kunsinna tal-vettura jew li kienet imputabbli għal xi nuqqas min-naħa tal-azjenda intimata. Għaldaqstant, ma jistax jiġi konkluż li l-azjenda intimata għandha ġġorr ir-responsabbiltà għall-konsegwenzi ta' din il-ħsara.

Barra minn hekk, mill-provi jirriżulta li l-azjenda intimata qatt ma ddebitat lir-rikorrenti la s-somma ta' €150.00 għat-tiswija tal-clutch u lanqas is-somma ta' €250.00 bħala depożitu, liema depożitu kien biss pre-authorisation u ma ġiex effettivament miġbur. L-unika somma li r-rikorrenti effettivament ħallset kienet dik ta' €210.00 għall-kirja tal-vettura.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti għamlet użu mill-vettura għal tlett ijiem u naqset milli tipprova li l-ħsara kienet teżisti meta ngħatatilha l-vettura jew kienet dovuta għal xi nuqqas imputabbli lill-azjenda intimata, dan it-Tribunal ma jsib ebda bażi legali sabiex jordna r-rifużjoni, tas-somma mħallsa għall-kiri.

It-Tribunal ma jistax jikkonkludi li l-azjenda intimata arrikkiet ruħha inġustament għad-detriment tar-rikorrenti. L-azjenda intimata ma żammitx xi somma relatata mat-tiswija tal-vettura u lanqas ma ddebitat lir-rikorrenti għall-ħsara fil-clutch. Il-fatt li r-rikorrenti ma setgħetx tagħmel użu mill-vettura għall-bqija tal-perjodu tal-kirja, waħdu, ma joħloqx dritt għal rifużjoni meta hija naqset milli tipprova li l-ħsara kienet teżisti sa mill-bidu jew kienet imputabbli lill-azjenda intimata.

Għaldaqstant, it-Tribunal ma jsib ebda bażi, la kuntrattwali sabiex jordna r-rifużjoni tas-somma mitluba mir-rikorrenti.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal isib li r-rikorrenti naqset milli tissodisfa l-oneru tal-prova li kien jaqa' fuqha sabiex turi li l-vettura kienet difettuża fil-mument tal-kunsinna jew li l-azjenda intimata hija responsabbli għad-danni allegati. Il-provi prodotti ma jilħqux il-livell meħtieġ sabiex isostnu t-talbiet tagħha u, għaldaqstant, dawn ma jistgħux jintlaqgħu.

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Dr Michela Spiteri, LL.D.**

**Arbitru**